Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,294, 2 ta' Awwissu, 2024

Taqsima B

A.L. 178 tal-2024

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawn aktar 'il quddiem imsejħa t-"Tielet Skeda".

Kap. 31.

Jemenda t-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima B tat-Tielet Skeda, minnufih wara l-partita "Alpha-PiHP, α-PiHP 4-methyl-1-phenyl-2-(pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one)" għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"BROMAZOLAM	8-bromo-1-methyl-6-phenyl-4*H*-[1,2,4]triazolo[4,3-a][1,4]benzodiazepine
DIPENTYLONE	1-(1,3-benzodioxol-5-yl)-2-(dimethylamino)pentan-1-one
2-FLUORODESCHLOROKETAMINE (2-FDCK)	2-(2-fluorophenyl)-2-methylamino-cyclohexanone".